MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru. 848/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa’**

**vs**

**Emanuel Borg**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Emanuel Borg ta’ 49 sena, bin Francis u Vincenza nee’ Gallo, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Novembru 1960 u residenti f’ 147, Triq il-Punent, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 768160(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Novembru 2009 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-att illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx giet ittestjata.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Gunju 2010 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Jannar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penali relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42(a)(d) u 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 25(b) tal-SL 65.15, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------